MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 124/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 t'April 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-26 ta' Settembru 2002 minn liema zwieg kellhom 'il-minuri li twieldet fil-25 ta' Gunju 2003.

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-attrici ta' abbandun, mohqrija fizika u psikologika, eccessi u ngurji gravi b'mod li llum bejn il-kontendenti tirrizulta

nkompatibbilta’ ta’ karattru tant li l-istess zwieg tkisser b’mod irrimedjabbli.

Illi b’digriet moghti f’Marzu 2003 il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenut.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba abbandun, mohqrija fizika u psikologika, eccessi u ngurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b’mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri f’idejn l-attrici ommha.

3. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici manteniment versu l-minuri, f’dik is-somma stabbilita minn din l-Onor. Qorti.

4. Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta’ l-**artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** u dan fejn applikabbli.

5. Tordna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici l-oggetti kollha parafernali taghha li jinsabu fil-pussess tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tad-dokumenti u l-lista tax-xhieda a fol. 4 u 5 tal-process.

Rat id-digriet ghal nota guramentata moghti lill-attrici u lill-konvenut fil-15 ta’ Lulju 2004.

Rat id-digriet ghall-affidavits moghti lill-partijiet fil-15 ta' Lulju 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' hmistax-il gurnata (15) lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura ta' l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu.  Fl-istess digriet il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju biex wara tali termini tiffissa zewg seduti kull parti ghall-konkluzjoni tal-provi kollha tal-partijiet.

Rat in-nota ta' l-attrici **A** tat-13 ta' Lulju 2004 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha, u dawk tal-genituri taghha Maria Virginia u Lino Borg.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 13 ta' Lulju 2004 fejn talbet li tinghata l-kura u kusodja tal-minuri, li jigi ffissat access ghall-konvenut mal-minuri, liema access isir fil-prezenza taghha, u li jigi ffissat manteniment li l-konvenut ghandu jhallas ghall-istess minuri.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 15 ta' Lulju fejn filwaqt li kkonfermat id-digrieti taghha ta' nota guramentata, digriet affidavits tal-partijiet, u n-nomina ta' Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju, ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro-parti fejn il-konvenut gie mitlub jindika anke l-introjtu tieghu, u fl-istess waqt appuntat il-kawza bejn il-kontendenti ghall-finali trattazzjoni.

Rat in-nota guramentata ta' l-attrici datata 5 t'Awissu 2004.

Rat id-digriet tad-29 ta' Settembru 2004 moghti minn din il-Qorti kif diversament kostitwita mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi, fejn b'referenza ghar-rikors ta' l-attrici tat-13 ta' Lulju 2004, il-Qorti laqghat l-ewwel talba.  Gie ffissat access ghall-konvenut mal-minuri kull nhar t'Erbgha bejn il-5:00 u s-7:00 p.m. u kull nhar ta' Sibt bejn l-10:00 a.m. u l-12:00 p.m.  B'referenza ghat-tielet talba fl-istess rikors il-Qorti ordnat lill-konvenut ihallas tmenin lira Maltin (Lm80) fix-xahar bhala manteniment ghat-tifla minuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 13 ta’ Awissu 2004 a fol. 42 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel u qabel kollox dina l-Onorabbli Qorti qed issirilha referenza ghac-citazzjoni numru 76/2003 fl-ismijiet **“A vs B”** u ghall-udjenza quddiem dina l-Onorabbli Qorti ta’ nhar l-Erbgha, 21 ta’ Jannar 2004, fejn din il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Jannar 2005 ghas-sentenza, b’evidenza cara li l-attrici qatt ma kellha l-ebda ntenzjoni li skond il-ligi tizzewweg lill-konvenut, imma riedet biss lill-konvenut bhala strument biex tigi fekondata biz-zerriegha tat-tnissil, kif effettivament sehh, u dan qed narawh fic-citazzjoni odjerna numru 124/2004, u ghall-agevolezza ta’ dina l-Onorabbli Qorti, jidher li l-attrici ntavolat ukoll jew fi hsiebha li tintavola kawza ohra ghad-dikjarazzjoni tal-firda legali bejnha u bejn il-konvenut zewgha B, u dana biex din il-Qorti tifhem kemm tabilhaqq din A *nonostante* li hija dentista, apparentement ma tapprezzax bizzejjed li l-valur tal-hajja zgur mhuwiex li toqghod tahli l-hin tal-Qorti, taghha, ta’ zewgha, inkluz l-ispejjez li sfortunatament irid jaghmel il-konvenut li ghandu mezzi limitati bhala *minibus driver*, li ma jiflahx ghall-ispejjez konnessi ma’ dawn il-proceduri. Illi dan ghall-informazzjoni ulterjuri ta’ dina l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-konvenut ghandu dubji serji dwar kemm iz-zwieg tas-26 ta’ Settembru 2002 kien zwieg u f’dan il-kuntest issir referenza ghall-kawza ta’ l-annullament li giet indikata fil-paragrafu precedenti. Pero’ l-konvenut jaqbel li l-ferh tieghu fil-hajja hija bintu minuri li twieldet nhar il-25 ta’ Gunju 2003, u llum ghandha sena u xahrejn fil-mument li l-konvenut qed jiehu gurament fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu ma’ din in-nota ta’ l-eccezzjonijiet.

3. Illi t-tieni premessa ta’ l-attrici hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt billi taghha l-attrici qed tipprova taghtih u titfghu fuq il-konvenut, billi din hija persuna li totalment anke kif jafu l-kwantita’ ta’ hbieb li ghandha, hija dizorjentata ghall-ahhar meta tigi ghar-regolamentazzjoni tal-hajja privata taghha u lill-konvenut uzatu biss proprju bhala strument ta’ fekondazzjoni biex miz-zerriegha tieghu

titnissel fiha tarbija kif effettivament sehh u twieldet il-minuri, u wara li sehh dan il-fatt, l-attrici qabdet u litteralment waddbet lill-konvenut B ’l barra mid-dar fejn kienu qed joqoghdu.

4. Illi t-tielet premessa attrici ma taghmilx sens billi dina l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenut, u effettivament kienet diga’ giet intavolata l-kawza ghall-annullament u hemm ragunijiet legalment u fattwalment fondati li dan iz-zwieg jigi dikjarat null, u kwindi jekk zwieg kien null ma hemmx sens li titlob firda legali ta’ zwieg li qatt ma kien: il-konvenut jeccepixxi dan il-punt.

5. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li qed jigi hawn fuq suespost, il-konvenut jaqbdel illi fic-cirkostanzi l-Qorti ghandha tiddikjara l-firda personali bejnu u bejn l-attrici pero’ li jkun opportun li wiehed jistenna l-ezitu tal-kawza ta’ l-annullament hawn aktar ’il fuq citata, u dana fid-dawl anke biex il-Qorti tifranka hafna xoghol ripetutiv ghal dawk li huwa smiegh ta’ provi u xhieda li jistghu jressqu l-partijiet kontendenti f’din il-kawza odjerna, u dan ghal ragunijiet legalment u fattwalment ovvji.

6. Illi l-konvenut jaqbel li l-kura u l-kustodja ta’ bintu minuri ghandha tigi fdata f’idejn ommha l-attrici, biss irid bhala missier hinijiet adegwati fejn huwa jkun jista’ jiehu lil bintu, izommha ghandu fir-residenza tieghu, u dana f’hinijiet li jagevolaw l-interess suprem tal-bint minuri u anke l-istess ghall-konvenut bhala *minibus driver* li odjernament kif qed isiru l-affarijiet, l-attrici turih biss it-tifla meta tixtieq hi, u generalment bi tpartit ghal relazzjoni ntima, apparti mill-fatt li l-attrici hija ddominata assolutament minn ommha li tiddettalha dak kollu li ghandha taghmel, kwindi raguni ohra ghala dan iz-zwieg qatt ma seta’ fil-fatt kien zwieg.

7. Illi l-konvenut finanzjarjament ma hemmx xebh bejnu u bejn l-attrici billi wahda hija dentista li ghandha klijentela tajba u fissa u ddahhal ammont sostanzjali ta’ madwar erbghin elf lira Maltin (Lm40,000) *considerando* li l-ispejjez professjonali dejjem qeghdin jizdiedu, waqt li da parti

tieghu l-konvenut kif ser juri b'dokumentazzjoni jdahhal kwazi tliet elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500), fejn allura d-diskrepanza hija tant sostanzjali li l-aktar haga li l-konvenut jista' jikkontribwixxi lil bintu hija l-imhabba tieghu, li f'hinijiet adegwati jkollu lil bintu mieghu u johrogha, u darba iva u darba le fi tmiem il-gimgha jkollu lil bintu fir-residenza tieghu, u li jkollu access komodo ghalih hu u anke tal-familja tieghu, u dana dejjem ukoll fl-interess suprem tal-bint minuri.

8. Biss, bhala responsabbiltajiet ghal dawk li huma aspetti t'edukazzjoni, ta' trobbija, medicinali u generali l-konvenut ma jsib ebda oggezzjoni li l-minuri tigi fdata f'idejn ommha u li huwa f'dawn ic-cirkostanzi lest li joffri ghal bintu manteniment ta' bejn wiehed u iehor ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha, li jammonta ghas-somma ta' hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm520) fis-sena. Illi l-attrici tista' tikkontribwixxi ammont ta' madwar mitt lira Maltin (Lm100) fil-gimgha, biex b'hekk il-minuri jkollha assenjat ghaliha cifra medja ta' mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) fil-gimgha kwantu ghal mitt lira da parti ta' l-attrici u ghaxar liri Maltin (Lm10) da parti tal-konvenut, li jirrispekkja bejn wiehed u iehor il-proporzjon ferm zbilancjat bejn id-dhul ta' l-attrici u d-dhul tal-konvenut.

9. Illi r-raba' talba attrici ma taghmilx sens fic-cirkostanzi billi l-attrici da parti taghha kienet hija responsabbli ghat-tifrik ta' dan l-allegat zwieg jekk wiehed jista' verament jghid li kien zwieg, u *di piu* hija hatja diversi drabi t'adulterju, billi kellha diversi relazzjonijiet intimi ma' diversi rgiel wara z-zwieg kif jaf ben tajjeb il-konvenut, pero' l-konvenut qed ikun realistiku meta jaccetta li dan iz-zwieg qatt ma kien, u allura r-raba' talba attrici certament zgur li m'ghandhiex tkun applikabbli ghall-konvenut.

10. Illi l-istess jinghad fir-rigward tal-hames talba attrici li l-konvenut ghandu suspetti kemm setghet kienet taf biha l-attrici, billi l-attrici ma jonqosha xejn, ghandha l-mezzi taghha li kif gja' nghad f'din in-nota huma mhux ftit u mhux zghar, u illi *inoltre* hija tirrisjedi f'villa enormi gewwa l-Ibragg u l-konvenut da parti tieghu ghandu mezzi restrissimi kif gja' nghad u kif anke qed jigi korroborat mid-

dokumenti li qed jigu annessi ma' dina in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet, b'mod li assolutament ma hemm xejn hu x'jista' jaghti lill-attrici, kif tista' facilment tivverifika u tikkostata dina l-Onorabbli Qorti.
11. Illi huwa hasra pero' li l-attrici kellha taghmel dawn il-proceduri meta ma kienx hemm ghalfejn li jsiru fic-cirkostanzi, u ghalhekk zgur li l-konvenut m'ghandu jbaghti ebda forma ta' spejjez. Anzi biex jiffranka l-ispejjez il-konvenut lanqas biss sejjer jaghmel il-kontro-talba.

Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu a fol. 46 *et seq* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2004.

Rat in-nota guramentata tal-attrici datata 7 t'Ottubru 2004.

Rat ir-risposta tal-konvenut ghan-nota guramentata tal-attrici datata 19 t'Ottubru 2004.

Rat il-verbal tal-25 ta' Jannar 2005 fejn il-Qorti ddikjarat li tistenna li jigi segwit l-access ghall-minuri suggerit mill-attrici a fol. 19 tal-process. Il-Qorti tistenna wkoll li l-arretrati ta' manteniment *pendente lite* jithallsu kollha. Dr. Ruth Scott ghall-attrici rtirat il-hames talba taghha. Il-partijiet iddikjaraw li hemm is-separazzjoni tal-beni bejniethom. L-access ghandu jigi fir-residenza ta' l-attrici f'Bahar ic-Caghaq, u hlief ghall-omm m'ghandu jkun hemm hadd prezenti; u tat-2 ta' Marzu 2005 fejn Dr. Ruth Scott ddikjarat li l-arretrati ta' manteniment baqghu ma thallsux. Il-konvenut iddikjara li offrielha kemm qallu l-Avukat Dr. Emy Bezzina bir-rata ta' erbghin lira Maltin (Lm40) fix-xahar izda l-attrici m'accettatx. Dr. Emy Bezzina msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2005.

Rat in-nota ta' l-attrici.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KUNSIDERAZZJONIJIET.

### (i) RESPONSABBILTA'.

Illi l-attrici pprezentat din il-kawza biex din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut b'mod li bejn il-kontendenti tirrizulta nkompatibbilta' ta' karattru tant li l-istess zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli.

Illi minn dan iz-zwieg twieldet il-minuri. L-attrici qeghda titlob li jkollha l-kura u l-kustodja taghha, kif ukoll li l-konvenut ihallas manteniment ghall-istess minuri.

Illi l-konvenut min-naha tieghu jichad li z-zwieg tkisser b'tortijiet imputabbli lilu anzi jsostni li huwa ntuza mill-attrici sempliciment biex hija tohrog tqila u wara li dan sehh waddbitu 'l barra mid-dar. Huwa jaqbel li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata f'idejn l-attrici biss huwa jrid li jkollu hinijiet adegwati sabiex igawdi lil bintu. Huwa lest li jhallas manteniment ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu ilhom snin jafu lil xulxin qabel ma zzewgu izda meta dawn waslu biex izzewgu ghexu biss flimkien ghal xi *circa* xahar u nofs. Fil-*honeymoon* l-attrici mill-ewwel inqabdet tqila u ftit wara beda jinqala' l-inkwiet bejn il-koppja tant li hi qabdet u telqet ghand ommha.

Illi bla ebda dubju l-attrici hija persuna dominata min ommha tant li dejjem insistiet mal-konvenut sa minn qabel iz-zwieg li kwalunkwe wlied li seta' jkollhom riedet li tiehu hsiebhom ommha. Din riedet tnizzilha fil-kuntratt li l-partijiet ghamlu qabel iz-zwieg li ghalkemm ma tnizzlitx l-attrici xorta wahda baqghet tinsisti fuqha wara z-zwieg.

Illi l-konvenut min-naha tieghu jsostni li huwa kien biss mezz ta' fekondazzjoni ghall-attrici. L-attrici nnifisha fl-affidavit taghha (a fol. 20 tal-process) xehdet li minhabba

l-eta' xtaqet tizzewweg u xtaqet ukoll tarbija. Dan gie kkonfermat ukoll mill-genituri taghha fl-affidavits taghhom (a fol. 23 u fol. 26 tal-process). Infatti kif imbaghad harget tqila beda l-inkwiet u minflok ippruvat tirranga s-sitwazzjoni qabbdet u telqet mid-dar. Dan sa certu punt jikkonferma l-verzjoni ta' l-attur.

Illi zgur jirrizulta li minn dan kollu bejn il-partijiet tezisti inkompatibbilta' ta' karattru. Pero' dan huwa llum akkademiku ghaliex fuq kollox jirrizulta li dan iz-zwieg gie wkoll dikjarat null permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar 2005 f'kawza fl-istess ismijiet **"A vs B"** (Cit.Nru: 76/2003/RCP). Din il-Qorti tirreferi ghal dak kollu li ntqal fl-istess sentenza fir-rigward ta' l-istess, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel talba proprju ghaliex dan iz-zwieg llum huwa annullat.

**(ii) KURA U KUSTODJA.**

Illi jibqa' pero' l-fatt li l-kontendenti ghandhom bint minuri. Hemm qbil li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici. Din il-Qorti thoss pero' li l-konvenut ghandu jkun informat b'mod regolari dwar is-sahha, l-istat u kundizzjonijiet in generali ta' bintu u dwar l-edukazzjoni taghha. Dwar l-access l-attrici sostniet fl-affidavit taghha li l-konvenut ghandu jkollu access liberu u ampju taht is-supervizjoni taghha. F'kaz ta' nuqqas ta' qbil hija tipproponi li huwa ghandu jkollu access kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn is-7:00 p.m. u d-9:00 p.m. u kull nhar ta' Sibt bejn l-4:00 p.m. u s-7:00 p.m.

Illi bhala raguni ghaliex l-attrici tinsisti li l-access ghandu jsir taht is-supervizjoni taghha, hija spjegat fin-nota guramentata taghha li minn mindu twieldet il-minuri hija hadet hsieb il-bzonnijiet tat-tifla wahedha. L-attrici sostniet li mhux biss il-konvenut m'ghenx finanzjarjament ghat-trobbija tat-tarbija, izda allegatment huwa sahansitra ghamel erba' (4) xhur lanqas biss imur jara lil bintu u lanqas biss icempel biex jara kif inhi. Kull darba li l-konvenut talabha biex jara lil bintu l-attrici qatt ma cahhditu minnha. Illum huwa jgawdi access kull darba li jitlobha liema access dejjem isir fil-prezenza taghha u f'xi

okkazjonijiet isir fid-dar taghha. Hija ma tibghatx lit-tifla ma' missierha ghax skond hi mhux persuna responsabbli u peress li t-tifla ghadha tarbija ma tafdahiex mieghu. Il-konvenut qatt ma lmenta dwar dan u jidher li ntlahaq *modus vivendi* bejn il-partijiet dwar l-istess.

Illi l-konvenut pero' ma jirrizultax li huwa kuntent bl-arrangament prezenti. Huwa allega li xi kultant ikun jista' jara lit-tifla bi tpartit ta' relazzjonijiet intimi ma' l-attrici (haga li hi tichadha). Huwa jsostni li ghalkemm l-attrici tghid li huwa ghandu access liberu pero' taghtih hinijiet fejn huwa ma jkunx jista' jew inkella jsib lil bintu rieqda. Infatti huwa qal li jara lit-tifla kuljum wara t-tmienja u nofs u d-disgha (ara fol. 47 tal-process). Huwa jahdem bhala *mini-bus driver* u fl-ghaxra jkollu x-xoghol u allura jara lit-tifla bejn id-disgha, jew id-disgha neqsin kwart sad-disgha u nofs ta' fil-ghaxija ghax imbaghad ikollu jitlaq.

Illi huwa jixtieq li jara lit-tifla matul il-gurnata halli l-familjari tieghu jkunu jistghu jarawha wkoll. Il-konvenut wera x-xewqa li jara lit-tifla kuljum. Qal li fil-ghodu bejn id-disgha u nofsinhar ma jkollux xoghol u *inoltre* s-Sibt u l-Hadd ma jahdimx (*vide* fol. 47 tal-process).

Illi rigward l-allegazzjoni li huwa ma marx jara lill-attrici ghal xi erba' xhur waqt it-tqala spjega li dan kien minhabba li jew ghax ma kinitx tirrispondi l-*mobile* hi jew ghax kienu jirripondu l-familjari taghha u missierha qallu biex ma jersaqx ghandhom. Imbaghad wara xi xahar cemplitlu bil-lejl biex jiltaqghu (a fol. 48 tal-process).

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li huwa ferm importanti li l-kontendenti jifhmu li t-tifla kemm jista' jkun m'ghandhiex tbaghti mis-sitwazzjoni, u li huma dejjem ghandhom jagixxu fl-interess suprem taghha. L-attrici allegat diversi affarijiet fil-konfront tal-konvenut, liema allegazzjonijiet ma gew bl-ebda mod sostanzjati. L-attrici ma rnexxilhiex tipprova li l-konvenut huwa bniedem tant irresponsabbli li mhux kapaci jiehu hsieb bintu. Hija tinsisti li l-access ghandu dejjem isir taht supervizjoni taghha pero' ma ppruvatx ghaliex dan ghandu jkun hekk. Hija xehdet li t-tifla dejjem maghha kienet – biss jinghad li t-tifla tkun

wkoll hafna ghand in-nanna materna minhabba li l-attrici tahdem. Il-konvenut huwa missierha u ghandu kull dritt li jaraha u jibni relazzjoni maghha ta’ missier u bint.

Illi dak li sostniet l-attrici, cjoe’ li l-konvenut m’ghandux in-necessitajiet ghat-tifla, fost affarijiet ohra, mhumiex biss hlief tentattivi u skuzi sabiex l-attrici jkollha kontroll assolut fuq l-istess tifla. Il-konvenut dejjem jista’ jirrimedja ghal tali nuqqasijiet u jekk huwa minnu li f’daru t-tarag huwa bla poggaman, bla dubju dan jikkostitwixxi periklu ghal tarbija u ghal tfal, pero’ anke dan l-istat ta’ fatt jista’ jirranga ruhu. Anzi, din il-Qorti tistieden lill-konvenut biex huwa jfittex jelimina kemm jista’ jkun dawn il-perikli ghall-istess bintu mid-dar tieghu.

Illi din il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu kull dritt jara u jgawdi lil bintu minghajr ebda supervizjoni ta’ martu. Ovvjament, minhabba li l-minuri hija ta’ eta’ tenera l-konvenut m’ghandux jitlaqha minn taht ghajnejh. Dwar hinijiet huwa spjega li minhabba li jahdem bhala *minibus driver* ma jkunx xoghol mid-9:00 a.m. sa nofsinhar, u ghalhekk ikun jista’ jkollu access ghal bintu f’dawk il-hinijiet.

Illi sakemm il-minuri ma tibdiex tattendi xi skola (li tinkludi wkoll *playschool)* il-konvenut ghandu jkollu access ghal bintu kull nhar ta’ Tlieta u Hamis mid-9:30 a.m. sal-11:30 a.m. Fis-Sajf u fil-vaganzi dawn il-granet u hinijiet ghandhom jibqghu jghoddu anke meta l-minuri tibda l-iskola.

Illi meta l-minuri tibda l-iskola, il-konvenut ghandu jkollu access ghaliha, kif suggerit mill-attrici nnifisha, cjoe’ kull nhar ta’ Tieta u nhar ta’ Hamis bejn is-7:00 p.m. u d-9:00 p.m.

Illi fi kwalunkwe kaz, il-konvenut ghandu jkollu access ukoll kull nhar ta’ Sibt bejn is-2:00 p.m. u s-6:00 p.m.

Illi din il-Qorti bhala prekawzjoni inizjali u fl-interess tal-minuri u sabiex isserrah mohh kulhadd, tordna li tali access ghandu jkun monitorjat kontinwament mill-

Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet fil-kawza, u dan almenu ghall-perjodu ta' sitt xhur mil-lum, meta l-istess Agenzja Appogg *tramite* s-*social worker* taghha li tkun inkarigata mill-kaz, ghandha tipprezenta rapport sabiex tindika jekk l-istess access ghandux hekk jibqa' monitorjat ghall-interess tal-minuri. Ovvjament dawn l-istruzzjonijiet dwar il-moniteragg ghandu jigi rrispettat miz-zewg partijet fil-kawza. Ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna kemm lill-attrici u kemm lill-konvenut sabiex jinnotifikaw kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg.

**(iii) MANTENIMENT.**

Illi l-attrici qed titlob li l-konvenut jivversa manteniment ghal bintu minuri fl-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) fix-xahar, u dan ghax hija ssostni li in verita' huwa jaqla' ferm aktar milli qed jiddikjara. Infatti fin-nota guramentata taggha hija targumenta li ma tistax tifhem kif b'paga minima l-konvenut irnexxielu jixtri diversi affarijiet hemm elenkati (a fol. 63 tal-process). Min-naha tieghu l-konvenut semma cifri sostanzjali ghal dak li allegatament taqla' l-attrici fil-professjoni taghha u jsostni li minhabba l-izbilanc kbir li hemm fil-qliegh taghhom, huwa ghandu jivversa bhala manteniment l-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40) fix-xahar ghax huwa daqshekk jista' jaghti *tenendo* kont ukoll l-ispejjez tieghu personali.

Illi l-Qorti diversament presjeduta permezz tad-digriet taghha *pendente lite* datat 29 ta' Settembru 2004 ordnat lill-konvenut ihallas tmenin lira Maltin (Lm80) fix-xahar bhala alimenti ghat-tifla minuri.

Illi Dr. Ruth Scott ghall-attrici fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2005 iddikjarat li l-arretrati ta' manteniment baqghu ma thallsux. Il-konvenut iddikjara li huwa offra lill-attrici kemm qallu d-difensur tieghu bir-rata ta' erbghin lira Maltin (Lm40) fix-xahar izda l-attrici m'accettatx. L-attrici fin-nota taghha ssostni li l-manteniment ghandu jigi awmentat ghal mija u hamsin lira Maltin (Lm150) pagabbli kull xahar bil-quddiem, liema ammont jinkludi spejjez edukattivi (ta' skola privata) u medici.

Illi jinghad li ghalkemm il-partijiet allegaw fil-konfront ta’ xulxin li jaqalghu hafna aktar flus milli kemm iddikjaraw fil-kawza taghhom. Konsegwentement, din il-Qorti se tiddeciedi fuq dak li jirrizulta mill-atti processwali u in verita’ din il-Qorti tista’ tiddeciedi biss fuq dak li jirrizulta mill-istess process.

Illi hawn jigi rilevat mill-ewwel li ghalkemm l-izbilanc fid-dhul bejn iz-zewg partijiet ghandu jittiehed in konsiderazzjoni dan ma jezonerax lill-konvenut mill-obbligi tieghu versu l-minuri bintu ghal dak li jirrigwarda manteniment. *Inoltre* l-beni li allegatament huma tal-genituri taghha m’ghandhom l-ebda piz fil-kunsiderazzjoni ta’ x’manteniment ghandu jkun dovut. Il-minuri hija bintu u n-nanniet mhumiex obbligati li jghinu finanzjarjament lil binthom u t-tifla taghha. Huwa ddikjara li lest li jaghtiha erbghin lira Maltin (Lm40) manteniment fix-xahar. Dan l-ammont huwa wiehed irrizorju ghaz-zmenijiet ta’ llum meta l-konvenut mhux fi stat finanzjarju talment hazin li ma jistax jikkontribwixxi aktar minn hekk ghax li kieku s-sitwazzjoni kienet tkun differenti. B’hekk din il-Qorti wara li rat li l-konvenut ghandu ntrojtu ta’ *circa* tliet elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3,500) fis-sena tikkonferma d-digriet moghti minnha fid-29 ta’ Settembru 2004 u tordna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ tmenin lira Maltin (Lm80) fix-xahar bil-quddiem bhala manteniment ghal bintu minuri b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

Illi barra minn dan l-istess konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni tal-minuri meta l-istess tibda tattendi l-iskola, liema spejjez jinkludu spejjez ta’ mizata u/jew donazzjoni, kotba, uniformi u trasport, b’dan li l-attrici ghandha tinforma u zzommu informat bl-istess spejjez.

*Inoltre* huwa ghandu wkoll ihallas l-arretrati kollha ta’ manteniment li kien dovut b’effett mid-data ta’ l-imsemmi digriet tad-29 ta’ Settembru 2004 moghti mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi, kif jirrizulta minn fol. 40 tal-process.

**(iv) KOMUNJONI.**

Illi rrizulta li l-partijiet qabel izzewgu ffirmaw kuntratt quddiem in-Nutar Dr. Anthony Grech Trapani datat 29 ta' Awissu 2002 fejn qablu li bejniethom kellu japplika r-regim tas-separazzjoni tal-beni. Kwindi m'hemm xejn in komun bejn il-partijiet x'jinqasam.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut peress li dawn huma nkompatibbli mat-talbiet attrici, **tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba *stante* li dan iz-zwieg gie annullat b'sentenza tal-Qorti, tichad ir-raba' talba li minhabba dak premess ma hijiex illum applikabbli ghall-kaz odjern, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba *stante* li l-istess talba giet irtirata mill-attrici *tramite* d-difensur taghha, u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss bil-mod hawn deciz,** b'dan illi:-

1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba minhabba li z-zwieg diga' gie dikjarat null b'sentenza fl-istess ismijiet **"A vs. B"** (Cit.Nru: 76/2003/RCP) moghtija fis-27 ta' Jannar 2005 minn din il-Qorti.

2) Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn l-attrici b'dan li l-konvenut ghandu jkun informat mill-attrici b'mod regolari dwar is-sahha, l-istat u kundizzjonijiet in generali ta' bintu u dwar l-edukazzjoni taghha, u tordna wkoll li l-istess konvenut ghandu jkollu s-segwenti access minghajr ebda supervizjoni ta' l-attrici, liema access izda jkun suggett ghall-kondizzjonijiet hawn imposti f'din id-decizjoni mehuda minn din il-Qorti fl-interess tal-minuri. Dawn il-kunduzzjonijiet huma s-segwenti:-

(i) Illi sakemm il-minuri ma tibdiex tattendi xi skola (li tinkludi wkoll *playschool)* il-konvenut ghandu jkollu access ghaliha (bintu) kull nhar ta' Tlieta u Hamis mid-9:30 a.m. sal-11:30 a.m. Fis-Sajf u fil-vaganzi dawn il-granet u hinijiet ghandhom jibqghu jghoddu anke meta l-minuri tibda l-iskola.

(ii) Illi meta l-minuri tibda l-iskola, il-konvenut ghandu jkollu access ghaliha, cjoe' kull nhar ta' Tieta u nhar ta' Hamis bejn is-7:00 p.m. u d-9:00 p.m.

(iii) Illi fi kwalunkwe kaz, il-konvenut ghandu jkollu access ukoll kull nhar ta' Sibt bejn is-2:00 p.m. u s-6:00 p.m.

(iv) Illi din il-Qorti bhala prekawzzjoni inizjali tordna li tali access ghandu ghall-ewwel jkun monitorjat kontinwament mill-Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet fil-kawza, u dan almenu ghall-perjodu ta' sitt xhur mil-lum meta l-istess Agenzja Appogg *tramite* s-*social worker* taghha li tkun inkarigata mill-kaz, ghandha tipprezenta rapport sabiex tindika jekk l-istess access ghandux jibqa' hekk monitorjat jew le, kollox ghall-interess tal-minuri. Illi ovvjament l-istess struzzjonijiet dwar dan il-moniteragg ghandhom jigu rispettati miz-zewg partijet fil-kawza. Il-minuri ghandha tittiehed u tingieb lura ghall-access mir-residenza ta' ommha. Ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna kemm lill-attrici u kemm lill-konvenut sabiex jinnotifikaw kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg. Din il-Qorti tordna wkoll lir-Registratur tal-Qorti sabiex jikkomunika u jinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lic-Chief Executive Officer ta' l-Agenzija Appogg is-Sur Joseph Gerada sabiex l-istess Agenzija taderixxi ruhha ma' l-istess disposizzjonijiet ta' din id-decizjoni, u b'hekk tassisti lill-Qorti fil-kawtela ta' l-interess suprem tal-minuri.

3) Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala sehmu ghal manteniment ta' bintu minuri l-ammont ta' tmenin lira Maltin (Lm80) fix-xahar, pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza attwali ta' l-istess attrici, u dan b'effett mid-data tas-sentenza. Tordna wkoll lill-istess konvenut ihallas lil-attrici l-arretrati kollha ta' manteniment tal-minuri li huwa naqas li jhallas matul anke din il-kawza, liema manteniment kien dovut minnu ghal bintu b'effett mid-data ta' l-imsemmi digriet tad-29 ta' Settembru 2004 moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi.

Illi barra minn dan din il-Qorti tordna li l-istess konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni tal-minuri meta l-istess tibda' tattendi l-iskola, liema spejjez jinkludu spejjez ta' mizata u/jew donazzjoni, kotba, uniformi u trasport, b'dan li l-attrici ghandha tinforma u zzomm informat lill-konvenut bl-istess spejjez.

4) Tichad ir-raba' talba attrici *stante* li mhux applikabbli ghall-kaz minhabba li tali zwieg gja' gie ddikjarat null.

3) Il-hames talba giet irtirata mill-avukat difensur ta' l-attrici skond verbal datat 25 ta'Jannar 2005.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------